# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 25**

**Rikors Numru 418/11 MCH**

**Mediterranean Flower Products Limited (C 2197)**

**v.**

**Flower Power (Sales) Limited u Bank of Valletta plc.**
**u b'digriet tad-29 ta' Frar 2016 l-Avukat Dr. Joseph Ellis**
**u l-Prokuratur Legali Rita Drago ġew nominati**
**Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà**
**Flower Power (Sales) Limited u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2016**
**il-P.L. Rita Drago ġiet sostitwita bil-P.L. Veronica Rossignaud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet is-soċjetà attriċi fis-27 ta' April, 2011, li jaqra hekk:

> "1. Illi s-socjeta intimata Bank of Valletta p.l.c. kienet, f'xi zmien qabel l-2002, ikkoncediet a favur tas-socjeta intimata l-ohra Flower Power (Sales) Limited (li kellha bhala Managing Director lil George Sammut),

facilita ta' overdraft fuq il-kont bin-numru 16311018018, liema facilita bankarja setghet kienet, presumibbilment, ikkawtelata b'xi garanzija personali tal-istess George Sammut, liema garanziji gew a konoxxenza tas-socjeta rikorrenti dan l-ahhar ghaliex il-Bank intimat naqas Ii jghaddi l-informazzjoni meta mitlub, skond kif jirrizulta mill-ittri tal-31 ta' Jannar 2011 u tat-8 ta' Frar 2011, li kopja taghhom ged jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. A.

“2. Illi jidher Ii sussegwentement il-Bank intimat, permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Awwissu 2002 fl-atti tan-Nutar Dorita Galea Medati Ii kopja taghha qed tigi esebita bhala Dok. DGM, ikkonceda jew estenda facilita ta' overdraft ulterjuri fuq il-kont kurrenti f'isem is-socjeta intimata Flower Power (Sales) Limited, Iiema facilita issa giet ikkawtelata permezz ta' garanzija moghtija mis-socjeta rikorrenti Ii kkostitwiet ruhha bhala garanti in solidum mal-imsemmija socjeta intimata, kif ukoll permezz ta' ipoteka generaIi fuq l-assi kollha tas-socjeta rikorrenti, u b'ipoteka specjali fuq l-art di proprjeta taghha gewwa Ta' Qali, indikata bhala "Plot D" formanti parti mill-artijiet maghrufa bhala 'Tal-Karri', tal-kejl ta' circa hmistax-il elf metri kwadri (15,000m.k.), konfinanti mit-Tramuntana minn Triq Durumblat, mill-Lbic minn beni tal-Ministeru taI-Ajru jew is-successuri fit-titolu tieghu, u mix-Xlokk minn beni ta' Salvatore Abela jew is-successuri fit-titolu tieghu, kif murija ahjar fil-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt, liema art hija maghrufa wkoll bhala ‘Tal-Ponta’.'

“3. Illi sabiex setghet tinghata din il-garanzija s-socjeta rikorrenti kellha tkun awtorizzata bl-istatut taghha li setghet tghaddi ghal din il-koncessjoni u ghalhekk, fl-10 ta' Lulju 2002, George Sammut, illum mejjet, fil-kwalita tieghu dak iz-zmien ta' direttur tas-socjeta rikorrenti Mediterranean Flower Products Limited, irregistra fir-Registru tas-Socjetajiet rizoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti tal-istess socjeta rikorrenti, datata 3 ta' Lulju 2002, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B, u Ii permezz taghha gie emendat l-istatut tal-istess socjeta in kwantu gie assenjat lilha s-segwenti oggett u poter gdid, bl-introduzzjoni tas-segwenti klawsola:-

“4(j) To stand as surety whether in solidum or in a subsidiary manner and in general to guarantee the performance of obligations, of any nature whatsoever undertaken by any other person, firm or Company in favour of third parties physical and/or judicial, and to secure such surety and/or guarantee by any means whatsoever including hypothecation, charge or lien upon the whole or any part of the Company's property or assets whether present or future, moveable or immoveable.

“4. Illi r-rizoluzzjoni msemmija qatt ma kienet effettivament ittiehdet mis-socjeta rikorrenti u r-rizoluzzjoni giet iffabbrikata mill-istess George Sammut, li falsament indika Ii din kienet ghaddiet bis-sahha ta' rizoluzzjoni straordinarja bil-miktub u iffirmata mill-azzjonisti kollha tas-socjeta rikorrenti, kif jirrizulta mill-kopja tal-istess rizoluzzjoni kif

irregsitrata mill-istess George Sammut (Dok. B). Infatti din ir-rizoluzzjoni kif irregistrata tindika li hija "Extraordinary Resolution in Writing Signed by All the Shareholders Pursuant To Chapter VII, Article135(l) of The Companies Act".

“5. Illi l-istess George Sammut f'isem is-socjeta rikorrenti, ipprezenta fir-Registru tas-Socjetatijiet dak li hu sejjah "Certified True Copy" tal-imsemmija rizoluzzjoni, liema kopja pero kienet nieqsa mill-firem kollha tal-azzjonisti kollha u kellha biss il-firma tal-istess George Sammut, u dan peress li qatt ma giet iffirmata xi rizoluzzjoni mill-azzjonisti li, dakinhar b'kollox kienu madwar sitta u ghoxrin (26), fil-maggor parti residenti fl-esteru, u zgur ma gietx iffirmata mid-diretturi jew rapprezentanti ta' Flower Power Limited, azzjonista maggoritarja tas-socjeta rikorrenti, skond kif jirrizulta mill-istatut ta' dak iz-zmien tas-socjeta rikorrenti, li kopja tieghu qed jigi hawn anness, esebit, u mmarkat Dok. C.

“6. Illi ghalhekk ir-registrazzjoni taI-allegata emenda fl-isStatut tas-socjeta rikorrenti saret b'qerq, jekk mhux ukoll b'falsifikazzjoni u kontra l-volonta tal-azzjonisti tas-socjeta rikorrenti, u ghalhekk, ma kellha u ma ghandha ebda forza jew validita legaIi.

“7. Illi b’danakollu, bis-sahha tal-imsemmija rizoluzzjoni qarrieqa u/jew iffalsifikata mill-imsemmi George Sammut, li kien effettivament deher fuq il-kuntratt tas-7 ta' Awwissu 2002 in atti tan-Nutar Dorita Galea Medati in rapprezentanza tal-istess socjeta rikorrenti, l-art fuq deskritta giet ipotekata a favur tas-socjeta intimata Bank of Valletta p.l.c. imsemmija bhala garanzija ghall-hlas tal-ammonti dovuti fuq il-facilita bankarja de quo f'isem is-socjeta intimata Flower Power (Sales) Limited, li taghha l-imsemmi George Sammut kien ukoll direttur dak iz-zmien.

“8. Illi kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors, il-Bank intimat kien fuq l-istess kuntratt accetta li tigi ipotekata l-imsemmija art tas-socjeta rikorrenti a favur taghha b'non kuranza totali ghall-fatt li r-rizoluzzjoni originali (jew almenu kopja ufficjali taghha) ma gietx esebita fuq l-att imsemmi, u strahu biss fuq id-dikjarazzjoni falza ta' George Sammut meta, bi grad minimu ta' diligenza, l-istess Bank kellu jkun jaf li registrazzjoni tar-rizoluzzjoni kienet frawdolenti u/jew iffalsifikata billi jirrizulta mill-istess dicitura tar-rizoluzzjoni illi qatt ma kienet issejhet u/jew inzammet l-ebda laqgha straordinarja tas-socjeta rikorrenti u li ghalhekk l-ebda wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta rikorrenti ma rcieva xi notifika kif trid il-ligi dwar din il-laqgha, u inoltre kien inaspettat li George Sammut jigbor il-firem kollha tal-azzjonisti fic-cirkostanzi.

“9. Illi daqs kemm kien deher legalment necessarju ghall-Bank intimat, wara studju akkurat tal-istatut tas-socjeta rikorrenti, li jinbidel tali Statut biex tista' tinghata l-garanzija mehtiega, daqstant kellu jkun necessarjament mistenni mill-Bank li jivverifika li r-rizoluzzjoni

indispensabbli tkun ittiehdet validament. Din il-verifika kienet timporta biss vizjoni tar-rizoluzzjoni allegatament iffirmata mill-azzjonisti kollha.

“10. Illi ghalhekk. l-abbandun ta' dan l-obbligu da parti tal-Bank, li kellu kull opportunita li jkun jaf li kienu saru raggiri biex seta' jidher li qed tinghata l-garanzija tas-socjeta rikorrenti, u l-fatt li l-Bank ghazel li ma jitlobx kopja ta', u ma jivverifikax il-veracita tar-rizoluzzjoni li allegatament awtorizzat it-tibdil fl-istatut in kwistjoni sabiex setghu jinghataw il-garanzijı relattivi fuq il-kuntratt tas-7 ta' Awwissu 2002, huwa ekwiparabbli ghal partecipazzjoni fil-frodi ezercitata minn George Sammut li minnha kien ukoll ser jibbenefika l-Bank intimat, kif ser jirrizulta hawn taht.

“11. Illi minn kopja tas-Sanction Letter tal-Bank intimat tal-1 ta Ottubru 1999, (hawn esebita bhala Dok. J u li r-rikorrent rnexxielhom jirrintraccjaw minghajr ebda assistenza tal-Bank intimat) jirrizulta illi l-Bank intimat kien sa mill-1999 Ii kkonceda l-prezenti facilita bankarja Iid-debitur principali izda il-garanziji kienu jikkonsistu biss f’xi titoli u investimenti tal-istess George Sammut u ta' kumpanija tieghu (fejn kien azzjonista ta' 99.8% tal-ishma) Central Properties Limited (Vide Dok. K).

“12. Illi jirrizulta Ii l-kuntratt tas-7 ta Awwissu 2002 (Dok. DGM) sar esklussivament biex dawk il-garanziji li kienu originarjament qed jikkawtelaw is-self jigu sostiwiti bl-ipoteka specjali u generali fuq il-beni tas-socjeta rikorrenti, u kollox jindika Ii minhabba zvalutar tat-titoli u investimenti kawtelanti, l-istess Bank kien ser ikun skopert u kien ser jista' jitlef ammont ta' flus sostanzjali mislufin lid-debitur principali, cioe lis-socjeta intimata Flower Power (Sales) Limited (li taghha George Sammut kien direttur ukoll).

“13. Illi ghalhekk il-Bank intimat ibbenefika ruhu mill-frodi/falsifikazzjoni attwati minn George Sammut ghaliex b'hekk akkwista garanzija idonea biex issa kopra l-kreditu tieghu, liema kreditu kien presumibbilment skopert u mhux kawtelat b'garanziji idonei.

“14. Illi apparti l-frodi perpetrat minn George Sammut fl-emenda tal-istatut in kwistjoni, jirrizulta nuqqas illecitu iehor illi l-Bank intimat kellu wkoll l-obbligu li jindaga. Infatti l-istess George Sammut, direttur izda mhux azzjonista tas-socjeta rikorrenti, qatt ma kien gie awtorizzat b'xi laqgha u rizoluzzjoni tas-socjeta minnu rapprezentata, biex jikkoncedi beni immobiljari tal-istess socjeta b'ipoteka specjali favur il-Bank intimat biex ikopri kreditu ta' dan l-istess Bank u d-dejn tal-kumpannija tieghu, dik intimata, u inoltre jirrizulta wkoll li ma kienx gie mitlub biex jipproduci fuq il-kuntratt relattiv xi rizoluzzjoni Ii kienet tawtorizzah jiddisponi mill-beni immobiljari tas-socjeta rikorrenti.

“15. Illi ghalhekk il-Bank intimat, meta ghogbhu jinjora dawn ir-raggiri ta' George Sammut, Ii kienu ta’ tant beneficcju ghaz-zewg partijiet imsemmija izda ad insaputa ta' u b'telf ghas-socjeta rikorrenti u l-

azzjonisti taghha, sar kompartecipi fil-frodi attwata minn George Sammut u ma jistax jitlob l-ezekuzzjoni ta' kwalunkwe vantagg li akkwista b'effett ta' tali frodi.

“16. Illi b’danakollu b'ittra tas-17 ta Novembru 2005 u korrispondenza sussegwenti, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata komplessivament bhala Dok. F il-Bank, avzat ukoll, anke formalment, bil-frodi perpetrata mill-imsemmi George Sammut relattivament ghar-rizoluzzjoni straordinarja tat-3 ta Lulju 2002 li bis-sahha taghha giet ipotekata l-art de quo a favur tal-istess Bank, irrikonoxxa li l-garanzija moghtija mis-socjeta rikorrenti kellha tigi rtirata u infatti talab lid-diretturi tas-socjeta Flower Power (Sales) Limited sabiex tipprovdi garanzija alternattiva.

“Ir-Raguni tat-Talbiet

“17. Illi b’danakollu, minkejja illi l-Bank intimat diga fl-2005 kien indika li ser jaghmel id-debita pressjoni fuq id-debitur principali u l-garanti in solidum sabiex jikseb ir-ripagament tal-ammonti lilu dovut fuq il-facilita bankarja in kwistjoni, liema facilita kienet ilha inattiva sa minn qabel l-2004, u minkejja wkoll il-fatt illi l-Bank kien ben konsapevoli sa minn dan l-istess zmien tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tas-socjeta intimata l-ohra, ossia d-debitur principali tieghu, l-istess Bank sal-lum baqa' ma ghamel xejn sabiex jikkanonizza l-kreditu jew jagixxi kontra d-debituri tieghu biex ifittex ir-ripagament kif indika li ser jaghmel, bil-konsegwenza illi llum il-gurnata, is-socjeta intimata Flower Power (Sales) Limited ghalqet in-negozju taghha wara li sparpaljat l-assi kollha taghha, oltre illi d-diretturi taghha recentement telqu wkoll minn Malta ghal kollox.

“18. Illi fil-fatt, jirrizulta wkoll illi l-Bank intimat kien ben konsapevoli wkoll illi fl-2005 kienu gew intavolati fil-konfront tas-socjeta intimata Flower Power Sales Limited proceduri ta' stralc (Rikors Numru 953/04), liema proceduri sal-lum ghadhom pendenti;

“19. Illi nonostante li l-Bank irrikonoxxa l-htiega li tigi sostiwita l-garanzija moghtija mis-socjeta rikorrenti u rrikonoxxa li s-socjeta intimata debitrici ma kienetx qed taghti xi affidabilta serja li kien ser tkun tista' thallas id-dejn, u nonostante l-fatt illi l-Bank ippermetta lid-diretturi tas-socjeta intimata li jbieghu proprjeta personali taghhom u jzommu r-rikavat, l-istess Bank kien, b'ittra tat-2 ta' Gunju 2006 li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. G, ta ultimatum lid-debituri li kien ser jagixxi ghall-hlas tad-dejn sakemm ma jigix moghti garanzija 'konvincenti' li dejn kien ser jithalla b'rati li komplessivament kellhom ilahhqu ghal Lm14,500 sabiex sa zmien hames snin mill-1 ta Lulju 2006 id-dejn kollhu ikun imhallas.

“20. Illi l-inazzjoni mtawla tal-Bank intimat, li halla perijodu ta' kwazi hames snin jghaddi minghajr ma gew effettwati l-pagamenti prospettati biex illum ghad baqa' bilanc dovut ta' cirka sitta u hamsin elf euro

(€65,000) lilu dovut kif fuq premess, u minghajr ma pproceda bl-ebda mod gudizzjarjament ghall-hlas tal-kreditu tieghu minkejja li kien ilu diversi snin ben konxju tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-intimati l-ohra u c-cirkostanzi frawdolenti li lihom inghatat l-ipoteka specjali fuq l-art de quo fis-7 ta' Awwissu 2002, ippregudika serjament l-interessi tas-socjeta rikorrenti stante illi llum, fid-dawl ta' nuqqas assolut ta' assi appartenenti lis-socjeta Flower Power (Sales) Limited u lid-diretturi taghha, l-istess Bank holoq sitwazzjoni fejn irid jenforza l-hlas tal-kreditu tieghu b'rikors ghall-ipoteka specjali li, kif jaf tajjeb l-istess Bank, gie moghti frawdolentement fuq l-art di proprjeta tas-socjeta rikorrenti, kif fuq premess.

“21. Illi fid-dawl tac-cirkostanzi fuq deskritti, senjatament fid-dawl tal-partecipazzjoni tal-Bank intimat, bin-nuqqas ta' diligenza minima aspettata minnu, fil-frodi perpetrata minn George Sammut, u fid-dawl tal-inerzja totali li jissalvagwardja l-kreditu tieghu minghajr htiega ta' rikors ghall-garanzija moghtija frawdolentement fuq l-art de quo, is-socjeta rikorrenti ma fadlilha l-ebda alternattiva hlief illi titlob it-thassir tal-garanzija moghtija bi pregudizzju ghad-drittijiet taghha, ossia t-thassir tar-registrazzjoni tal-ipoteka generali fuq l-assi kollha taghha, kif ukoll tal-ipoteka specjali fuq l-art de quo, abbazi tal-principju fraus omnia corrumpit, u qoud nullum est nullum producit effectum, skond kif del resto dettaljat fuq messagg elettroniku mibghut lill-Bank intimat datat 2 ta Awwissu 2006.

“22. Illi b’ittra tas-6 ta' Dicembru 2010, li kopja taghha qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. H, il-Bank intimat eziga l-hlas tal-bilanc dovut minghand is-socjeta rikorrenti abbazi tal-garanzija koncessa li dwarha qed tigi allegata n-nullita permezz ta' dawn il-proceduri odjerni.

“23. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti li, permezz ta' rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tat prokura specjali lill-Avukat Dottor Rachel Loporto Montebello sabiex tagixxi ghan-nom taghha ghall-finijiet ta' proceduri gudizzjarji. Kopja ta' din ir-rizoluzzjoni qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. I.

“It-Talbiet

“Ighidu l-intimati ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

“1. Tiddikjara bhala nulla ghar-ragunijiet fuq premessi r-rizoluzzjoni straordinarja tas-socjeta rikorrenti Mediterranean Flower Power Limited datata 3 ta' Lulju 2002 li permezz taghha George Sammut, illum mejjet, emenda l-istatut tal-istess socjeta, billi din giet irregistrata bi frodi tal-istess socjeta u tal-azzjonisti taghha;

“2. Tiddikjara nulla konsegwentement il-garanzija solidali moghtija mis-socjeta rikorrenti, u r-registrazzjoni tal-ipoteka generali koncessa a favur tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. fuq l-assi kollha tal-istess socjeta rikorrenti, kif ukoll tal-ipoteka specjali koncessa fuq l-art di

proprjeta taghha gewwa Ta' Qali, indikata bhala "Plot D" formanti parti mill-artijiet maghrufa bhala "Tal-Karri'. tal-kejl ta' circa hmistax-il elf metri kwadri (15,000m.k.), bhala garanzija tad-djun tas-socjeta intimata Flower Power Sales Limited. in virtu tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dorita Galea Medati datat 7 ta' Awwissu 2002, stante illi dawn il-garanziji u ipoteki saru bi frodi tad-drittijiet tal-istess socjeta rikorrenti;

“3. Tiddikjara illi l-istess George Sammut qatt ma kien gie specifikament awtorizzat mill-kumpanija rikorrenti sabiex jirrapprezentaha fuq il-kuntratt tas-7 ta' Awwissu 2002 u sabiex jikkoncedi xi garanziji permezz ta' ipoteki fuq l-immobbli taghha u kollox kien sar bil-habi tal-istess socjeta rikorrenti u a pregudizzju taghha;

“4. Thassar, tirrevoka u tannulla l-kuntratt imsemmi datat 7 ta' Awwissu 2002 in kwantu gew koncessi l-garanziji u l-ipoteki fuq imsemmija a favur tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c., kif fuq premess.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bank konvenut li in forza tagħha eċċepixxa:

“1. Illi preliminarjament, il-gudizzju ma huwiex integru stante illi, peress li n-nullita mitluba hija bazata principalment u kwazi esklussivament fuq l-allegat agir frawdolenti tad-decujus George Sammut, kellhom jigu ingunti l-eredi tal-istess George Sammut fil-kawza odjerna u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

“2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, s-socjeta attrici trid, qabel xejn, tispecifika x'tip ta' azzjoni qeghda tezercita u cioe jekk l-allegat addebitament fil-konfront tal-bank eccipjenti, li suppost iwassal ghan-nullitajiet eccepiti u pretizi, huwiex ibbazat inter alia fuq allegat frodi da parti tal-bank jew fuq xi negligenza minn xi dover illi l-attrici tippretendi li l-bank kellu;

“3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk din l-azzjoni hija bbazata fuq il-frodi, l-esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili - Kap. 16 tal-Ligijiet;

“4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk il-pretensjoni tas-socjeta attrici hija bbazata fuq xi allegat negligenza da parti tal-bank eccipjenti, it-talbiet attrici huma guridiki inammissibbli u insostenibbli stante li dan ma jwassalx ghar-rimedju tan-nullita mitlub fl-istess talbiet;

“5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk it-talbiet attrici huma bbazati fuq xi allegata inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta bankarja eccipjenti, l-esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin ghat-tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodi Civili - Kap. 16 tal-Ligijiet;

“6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti tichad kategorikament u bil-qawwa kollha kwalsiasi addebitament ta' frodi jew xi nuqqas iehor attribwit lilha li ssostni li hija mxiet fil-parametri tal-ligi u wettqet dak li kien minnha mistenni skont il-ligi bir-relazzjoni li hija ghandha mal-partijiet f'din il-kawza;

“7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta attrici ghandha ggib il-prova tal-agir indoluz u ghemil skorrett iehor li hija tallega li sehh, liema ghemil huwa michud mis-socjeta eccipjenti;

“8. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk verament ir-rizoluzzjoni tat-3 ta' Lulju 2002 giet prokurata b'qerq, dan huwa res inter alios acta vis-a-vis is-socjeta eccipjenti li ma jista' jkollha ebda addebitament ghall-istess u dan ma jista' bl-ebda mod iwassal ghan-nullitajiet mitluba fit-talbiet attrici stante li l-esponenti la kienet konsapevoli u lanqas setghet, fil-prattika bankarja kostanti u accettabbli, mistennija li tmur taghmel l-indaginijiet imsemmija fir-Rikors Guramentat;

“9. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, lanqas ma huwa fattwalment korrett dak li ssosstni s-socjeta attrici li l-esponenti damet is-snin biex agixxiet stante li kienu qed isiru pagamenti fil-kont tas-socjeta konvenuta sa ftit tax-xhur ilu u kien biss meta waqfu dawn il-pagamenti li l-esponenti kellha ghalfejn tipprocedi billi tintima li hija qed titlob il-hlas lura tal-bilanc lilha dovut;

“10. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti teccepixxi l-estinzjoni tat-talbiet attrici permezz tan-novazzjoni li sehhet bil-ftehim tas-6 ta' Novembru 2002 (li kopja tieghu qed tigi hawn ezibita u markata Dok. "BOV 01") illi s-socjeta attrici mhux biss accettat in pjena regola,. imma anke agixxiet gudizzjarjament a bazi tieghu f'istanza separata;

“11. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-azzjoni attrici hija estinta wkoll bit-transazzjoni li sehhet in via tal-ftehim tas-6 ta' Novembru 2002 (vide Dok. "BOV 01" supra);

“12. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jinghad illi huma addirittura t-talbiet attrici li huma bbazati fuq il-qerq tal-anqas vis-a-vis s-socjeta bankarja eccipjenti u dan peress illi, sa ftit tax-xhur ilu, l-istess socjeta attrici tramite r-rapprezentanti legali odjerni, kienet qed tipprometti l-hlas u tiddiskuti mal-esponenti kif ser tghaddi biex thallas il-bilanc dovut in virtu tal-garanzija minnha moghtija, mentri f'daqqa

wahda, ghal xi raguni nota biss ghas-socjeta attrici, bdiet timputa ghemil skorrett u tallega addebitamenti fir-rigward tal-bank eccipjent;

"(i) Illi l-esponenti tikkontesta l-fatti kollha kif imsemmija fir-Rikors Guramentat u taf bil-fatti imsemmija f'din ir-Risposta Guramentata di scentia propria;"

Rat illi s-soċjetà konvenuta Flower Power (Sales) Ltd. ma ressqitx risposta għat-talba attriċi u, ghalhekk, waqgħet f'kontumaċja;

Rat illi l-kawża tħalliet mill-ewwel Qorti għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajma mill-bank konvenut;

Rat is-sentenza preliminri li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ġunju, 2015, li in forza tagħha iddeċidiet il-materja billi:

"… … … in linea ma' dak deciz tilqa' l-eccezzjoni tal-Bank of Valletta illi l-azzjoni intentata fil-konfront taghha hi preskritta ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap. 12 u ghalhekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess bank. Spejjez ghas-socjeta attrici."

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Qabel ma jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet il-Qorti trid tara x'qed jintalab mis-socjeta attrici ghax huma t-talbiet li jiddeterminaw in-natura tal-azzjoni u konsegwentement il-validita tal-eccezzjonijiet imressqa.

"Jibda biex jinghad illi l-bank sab diffikulta jressaq l-eccezzjonijiet tieghu billi n-natura tal-azzjoni attrici ma kinitx kjarament identifikabbli ghalih mill-assiem tal-premessi u talbiet. Is-socjeta attrici invece ma ressqet ebda nota spjegattiva fil-mori tal-proceduri biex ticcara ruhha. Ghalhekk il-Qorti ser tistrih fuq dak mitlub biex tiddetermina n-natura tal-azzjoni promossa.

“Bla dubju ta’ xejn dawn il-proceduri huma l-effett ta’ dizgwid serju bejn familjari cioe l-familja Sammut li kellhom interess patrimonali fis-socjetajiet, partijiet f’din il-kawza. Ghalkemm dan jista’ jkun ta’ mertu sinifikanti biex jigu ventilati u decizi l-kwistjonijet fil-mertu bejn is-socjetajiet involuti, dak li ser jigi milqut b’din is-sentenza huma l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni mqajma mill-bank fil-konfront tal-pretensjonijiet imressqa mis-socjeta attrici fil-konfront taghha.

“L-oggett li qed jigi attakkat permezz ta’ din il-kawza hu l-kuntratt datat 7 ta’ Awwissu 2002 fl-atti tan-Nutar Dorita Galea Medati fejn il-Bank of Valletta estenda facilita bankarja ta’ overdraft lis-socjeta Flower Power (Sales) Limited u in garanzija giet ipotekata permezz ta’ ipoteka specjali bicca art proprjeta tas-socjeta attrici. Is-socjeta attrici qed tikkontendi illi r-rezoluzzjoni straordinarja tas-socjeta rikorrenti tat-3 ta’ Lulju 2002 li biha George Sammut emenda l-istatut tal-istess socjeta biex ikun f’pozizzjoni li jaghmel l-imsemmija garanzija saret bi frodi tad-drittijiet tas-socjeta attrici. In oltre l-istess socjeta qatt ma awtorizzat l-ghoti tal-istess garanzija. Konsegwentement il-kuntratt tas-7 ta’ Awwissu 2002 hu null u bla effett.

“Harsa hekk b’mod superficjali l-bank konvenut kien ikollu ragun jecepixxi illi l-problemi bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti huma res inter alios acta l-kostituzzjoni tal-ipoteka specjali mis-socjeta attrici favur il-bank konvenut. Izda harsa lejn il-premessi li jwasslu ghat-talbiet juru mod iehor. Is-socjeta attrici qed tallega illi l-bank kien kompartecipi fil-frodi ghax messu ivverifika l-attendibilita tar-rizoluzzjoni tas-socjeta attrici li biha gie emendat l-istatut tal-kumpanija li iffacililta lis-socjeta konvenuta taghti garanzija permezz ta’ proprjeta appartenenti lis-socjeta attrici. Dan jinghad ghaliex il-bank messu ivverifika jekk dak li tghid ir-rezoluzzjoni kienx minnu cioe kif tghid l-istess rezoluzzjoni li l-azzjonisti kollha kienu qablu dwar il-bdil tal-istatut. Dan id-dokument ma ngiebx a konjizzjoni tal-bank u l-bank ma talbux. Fil-fatt is-socjeta attrici tikkontendi li dan id-dokument ma jezistix. Il-bank in oltre naqas li jivverifika jekk is-socjeta attrici awtorizzatx lil George Sammut jipoteka proprjeta taghha u dan ghar-raguni li kellu interess li jibbenefika b’sigurta ohra ma dak ezistenti li ma kinitx adegwata u kienet qed tiskopri lil bank f’kaz ta’ inadempjenza tal-hlas dovut mis-socjeta konvenuta. Dan l-agir ukoll jekwevali ghal partecipazzjoni fi frodi. Is-socjeta attrici tkompli izzid fil-kawzali illi n-nuqqas ta’ diligenza tal-bank li jivverifika l-fatti qabel sar il-kuntratt tas-7 ta’ Awwissu 2002 jekwevali ghal partecipazzjoni fil-frodi perpetrate minn George Sammut.

“Il-bank konvenut qed jinvoka l-preskrizzjoni ghall-azzjoni attrici bazata fuq ghemil doluz jew frodi a bazi tal-artikolu 1222 tal-Kap. 12.

“Ghall-finijiet ta’ din id-dispozizzjoni tal-ligi, ta’ min izomm quddiem ghajnejh li fil-kaz ta’ qerq bhala vizzju tal-kunsens, dak li jghodd ghall-preskrizzjoni ma huwiex esklussivament il-jum meta jkun sar il-ftehim li

l-parti trid thassar, izda meta dik il-parti tkun intebhet li l-parti l-ohra qarrqet biha.

“F’dan il-kaz jaqa’ fuq il-bank konvenut li juri li z-zmien invokat minnha fl-imsemmija eccezzjoni kien tassew ghadda u tal-anqas minn meta messu beda ghaddej. Bla dubju din il-Qorti tqis illi l-provi prodotti juru illi fuq medda ta’ tlett snin bejn l-2002 u l-2005 is-socjeta attrici kienet ben konsapevoli tal-fatti cioe r-rezoluzzjoni li ippermettiet lil George Sammut li jaghmel l-ipoteka specjali bi proprjeta tal-istess socjeta in garanzija tal-overdraft tas-socjeta konvenuta. Tant dan hu minnu illi d-direttur Nicholas Sammut fl-affidavit tieghu jghid li induna bl-allegat abbuz ta’ George Sammut f’Settembru 2002 u fil-fatt sar ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti u d-diretturi personalment fis-6 ta’ Novembru 2002 (fol. 52 tal-process). Il-klawsoli 1 u 14 li huma rilevanti huma huma dawn:

> “1. FP (Sales) undertakes not to encumber MFP property presently hypothecated in favour of Bank of Valletta plc (the ‘Property') over and above the said amount of seventy thousand Maltese Liri (Lm70,000).
>
> “FP (Sales) undertakes to disencumber the Property. GS hereby personally undertakes to disencumber the Property. No express period is being fixed for these purposes.
>
> “14. The Parties declare that in virtue of this Agreement they have compromised all disputes arising existing between them until today including such disputes and claims to which no specific reference is made in this Agreement. The Parties furthermore waive any claims they may have against each other with respect to any matter that may have arisen prior to date hereof and which has led to the present agreement. This is without prejudice to any remedies the Parties may have pursuant to this Agreement in case of breach of any provision of this Agreement.

“Apparti dan fost id-dokumenti rilevanti dwar meta s-sitwazzjoni u l-allegazzjoni ta’ frodi kienet ben evidenti huma l-e-mail mibghuta min Michael Sammut, direttur iehor tas-socjeta attrici lil avukat tieghu li tghid hekk:

> “I received this email from Alex today. Could you please review this letter and give me your thoughts.
>
> “From our end it is clear that Jason and his family and even the Administrator are responsible for this debt. I think we need to make it clear to the Bank that they have no right to the security that has been provided as George illegally provided Il Ponta as security by forging Nic's signature.
>
> “In the event that the Bank can find no alternative I think that we may have to comit to repaying the debt from the eventual sale proceeds of the property (fol. 81 tal-process).”

“u l-e-mail ohra mibghuta lil rapprezentant tal-bank li tghid hekk:

> “Dear Fiona,
>
> “Thank you for your prompt response.
>
> “In regard to the current security I draw your attention to the fact that the Memorandum and Articles of MFP were fraudulently changed by George Sammut which ''allowed' him to use property owned by MFP.
>
> “The majority shareholder being Nicholas Sammut never consented to the use of the property as security for the Flower Power Sales overdraft and therefore in our view the security which you hold is somewhat questionable.
>
> “We would appreciate the the bank call on its guarantees rather than the property to avoid unnecessary conflict (fol. 86 tal-process).”

“Dan juri b’mod inkonfutabbli illi s-socjeta attrici kienet ben infurmata u konsapevoli ta’ dak li kienet qed tallega u l-istess bank kien gia iddikjara li hu kien iqis il-garanzija bhala valida ghal effetti kollha tal-ligi sa mill-2004. Din l-ittra mibghuta mill-bank lil avukat tas-socjeta attrici tghid hekk:

> “Reference is made to your letter of the 12th July, 2004 written on behalf of Mediterranean Flower Products Limited.
>
> “Please be informed that, when obtaining the Company's guarantee, the Bank acted in good faith and was not, in any way, bound to enquire whether the internal procedures of the Company were followed. Consequently, the relative guarantee granted by the Company to the Bank is considered as valid at law and legally binding on the company (fol. 397 tal-process).”

“Hemm aktar korrispondenza esebita mill-bank minn fol. 378 et seq. tal-process li juri l-istess allegazzjonijiet imressqa mis-socjeta attrici u fejn il-bank dejjem sostna illi hu kien agixxa in buona fede u ma kienx bi hsiebu jirtira d-dritt tieghu fuq il-garanzija moghtija salv li tigi sostitwita b’ohra.

“Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-azzjoni attrici ibbazata fuq komplicita fil-qerq tal-bank konvenut mas-socjeta konvenuta minhabba n-nuqqas ta’ vigilanza u debita prudenza dwar id-dokumenti prodotti li bih is-socjeta konvenuta ressqet proprjeta tas-socjeta attrici in garanzija hi preskritta fil-konfront tal-bank konvenut ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 ghax saret ben oltre sentejn mindu saret taf bl-allegat qerq.

“Il-Qorti ma tqis li l-preskrizzjoni invokata mill-bank ai termini tal-artikolu 2156(f) hi rilevanti ghal kaz kemm ghaliex tali preskrizzjoni tippresupponi forma ta’ kreditu dovut lis-socjeta attrici li mhux il-kaz f’din l-istanza u fit-tieni lok is-socjeta attrici kjarament qed tallaccja l-premessa tan-nuqqas ta’ ricerka u verifika da parti tal-bank biex twassalha ghat-talba tal-qerq, ergo r-rexissjoni tal-kuntratt. Minghajr din it-talba, il-premessa wahedha ma tista qatt twassal ghal rexissjoni tal-

> kuntratt fil-konfront tal-bank li allura jitqies terz fir-relazzjonijiet bejn is-socjetajiet kontendenti li ma teffettwahx fl-enforzar ta' drittijiet naxxenti mill-kuntratt tas-7 ta' Awwissu 2002 fejn giet kostitwita l-ipoteka specjali tal-proprjeta attrici in garanzija ghal kreditu tal-bank.
>
> "Madankollu jrid jitqies jekk l-eccezzjoni valida ta' preskrizzjoni favur il-bank tibbenefikax ukoll is-socjeta konvenuta li baqghet kontumaci f'dawn il-proceduri. Ir-risposta hi fin-negattiv ghas-semplici raguni li tali eccezzjoni trid titqajjem mill-parti u mhux mill-Qorti u f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta ma qajmiethiex."

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà attriċi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Ġunju 2015 prevja ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta appellata Bank of Valletta plc bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi appellata.

Rat ir-risposta tal-bank konvenut li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi ikkonfermta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat il-provi imressqa fil-kawża **Bank of Valletta plc v. Valentino noe** (rikors 1158/12), pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għal-liema provi l-partijiet qablu li ssir ukoll referenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Din hi kawża fejn is-soċjetà attriċi qed tallega li l-kuntratt li fuqu deheru t-tlett partijiet f'din il-kawża u li ġie ppubblikat fis-7 ta' Awwissu, 2002, għandu jitħassar, jiġi revokat u annullat, in kwantu l-istess soċjetà attriċi ikkostitwiet ruħha bħala garanti *in solidum* mas-soċjetà konvenuta Flower Power (Sales) Ltd. għall-*overdraft* mogħti lilha, u in kwantu ġiet kostitwita ipoteka speċjali fuq art proprjetà tagħha. Dan qed tgħidu għax is-soċjetà attriċi dehret fuq dan il-kuntratt wara frodi perpetrat minn George Sammut, fil-kwalità tiegħu ta' allura direttur tas-soċjetà attriċi, li qal li kellu riżoluzzjoni mill-azzjonisti kollha biex jiffirma dak il-kuntratt, meta fil-fatt ma kellux. Is-soċjetà attriċi tallega li l-bank konvenut ħadem b'mod li "*huwa ekwiparabbli ghal parteċipazzjoni fil-frodi eżerċitata minn George Sammut*", u qed titlob, għalhekk, it-tħassir tal-kuntratt in kwantu jolqot l-interessi tagħha. Il-bank konvenut eċċepixxa in linea preliminari il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.

Din l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti wara li qieset li l-azzjoni hija waħda għar-rexissjoni tal-kuntratt u l-preskrizzjoni applikabbli hija dik invokata.

Is-soċjetà attriċi appellat billi tgħid illi l-azzjoni tagħha ma hijiex talba għar-rexissjoni tal-kuntratt iżda għan-nullità radikali.

Din il-Qorti, wara li eżaminat ir-rikors promotur tas-soċjetà attriċi, tgħid li għalkemm il-kelma "rexissjoni" ma ġietx użata, l-azzjoni hi fil-fatt waħda ta' tħassir ta' kuntratt fuq allegat frodi. Il-kawżali kollha tar-rikors jittrattaw l-allegat frodi ta' George Sammut li, bil-parteċipazzjoni tal-bank, wassal għall-iffirmar tal-kuntratt ta' Awwissu 2002. Hemm referenza kontinwa għall-abbandun tal-obbligi da parti tal-bank konvenut u għan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-istess bank biex joħorġu l-fatti. Jingħad li l-bank "ipparteċipa" fil-frodi eżerċitat minn George Sammut, li jfisser li kien kompliċi fil-frodi. F'parti oħra jingħad li l-bank "*sar komparteċipi fil-frodi attwat minn George Sammut*", li jfisser li, skont is-soċjetà attriċi, it-tnejn li huma kienu ħatja ta' frodi bi preġudizzju tas-soċjetà attriċi.

Din mhix kawża minn terz biex jiġi annullat kuntratt li sar minn kontraenti oħra bi ħsara tal-interessi tiegħu, iżda hi kawza minn kontraenti li qed jitlob li jħassar il-kuntratt li fih deher, peress li hu ġie indott jiffermah bl-aġir frawdulenti taż-żewġ kontraenti l-oħra. Din hi azzjoni ta' rexissjoni minħabba vizzju tal-kunsens, azzjoni preskrivibbli wara sentejn kif stabbiliet l-ewwel Qorti.

Anke mill-provi li ġabet is-soċjetà attriċi jirriżulta li din qed tibbaża l-allegazzjoni tagħha fuq qerq ipprattikat minn George Sammut bl-għajnuna tal-bank konvenut. Huwa ċar li, sa fejn huma milquta l-interessi tal-bank konvenut, u dan bit-tieni u r-raba' talba attriċi, ir-revoka tal-kuntratt ta' Awwissu 2002 qed jintalab a bażi tal-allegat qerq ipprattikat mill-bank a skapitu tal-interessi tas-soċjetà attriċi. Huwa ċar li dak li qed jiġi mitlub, anke fil-konfront tal-bank konvenut, huwa illi l-kuntratt ta' Awwissu 2002 jiġi rexiss u imħassar minħabba l-qerq allegat li seħħ minn George Sammut u l-bank konvenut. Wieħed ta' min jinnota wkoll illi fid-duttrina ftit li xejn issib distinzjoni bejn azzjoni ta' rexissjoni u dik ta' nullità tant li jitqiesu sinonimi. Kif jgħallem il-ġurista Laurent ("Principio di Diritto Civile, Vol. XVIII):

> "*Il codice civile equipara l'azione di nullità a quella di rescissione, per meglio dire, non vi sono piu` due azioni, ma soltanto una, che la legge qualifica indifferentemente azione di nullità, o azione di rescissione. Gli e` in forza di cio` che la nostra sezione ha per titolo: Dell'azione di nullità, o azione di rescissione. La legge non dice delle azioni: ve n'e' dunque soltanto una … Non vi e' del resto nei nostri codici alcuna traccia di una differenza fra le due azioni.*"

Għalhekk is-sentenza tal-ewwel Qorti hija tajba u qed tiġi konfermata, b'dan li l-ewwel Qorti trid issa tistħarreġ u tiddeċiedi jekk azzjoni ta' rexissjoni tistax titkompla fl-assenza ta' kontraent fuq il-kuntratt attakkat.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjetà attriċi Mediterranean Flower Products Ltd., billi tiċħad l-istess u

tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha sa issa jitħallsu mis-soċjetà attriċi appellanti.

L-atti qed jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df